**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 299 tas-17 ta' Frar 2020 dwar punt imqajjem mill-Onor. Glenn Bedingfield dwar mistoqsijiet li jistgħu jsiru fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Frar 2020 ftit tal-ħin wara li ntemmet il-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Glenn Bedingfield talab *ruling* mis-Sedja, u nikkwota:

> "Sur President, għadni ġej mil-laqgħa tal-Public Accounts Committee. Nirreferik għar-*ruling* li tat is-Sedja fis-seduta jidhirli fis-seduta bħal tal-lum ġimgħa preċiż fejn kien ittrattat il-kwestjoni tal-aġenda li kienet tressqet ġimgħa ilu min-naħa tal-Oppożizzjoni tal-Public Accounts Committee dwar kuntratt li kien ingħata mill-Onor. Konrad Mizzi. Kif taf, is-Sedja tat dak ir-*ruling*, illum qegħdin niddiskutu l-Estimi tal-Malta Tourism Authority, nixtieq nitlob *ruling* ieħor min-naħa tas-Sedja biex naraw jekk nistgħux fid-dawl tar-*ruling* li tat is-Sedja ġimgħa ilu jekk ikunux qiegħdin *in regola* l-Membri tal-Public Accounts Committee jekk jagħmlu mistoqsijiet dwar dan il-kuntratt speċifiku. Nirringrazzjak."

Hawnhekk qam l-Onor. Karol Aquilina li wkoll kien fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-istess ġurnata fejn qal hekk u nikkwota:

> "Sur President, aħna fil-Public Accounts Committee qed neżaminaw il-kontijiet u l-estimi finanzjarji tal-MTA. Dawk il-kontijiet u estimi finanzjarji ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra allura jaqgħu taħt l-Ordnijiet Permanenti li jgħidulek ċar u tond li l-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi jista' jeżamina dawk il-kontijiet. Il-mistoqsijiet kienu kollha dwar il-perjodu miġbura f'dawk l-estimi finanzjarji u allura kellna dritt li nistaqsu dawk il-mistoqsijiet. Irrid niċċara li ma kien hemm ebda mistoqsijiet fuq affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu u li huma dwar xi perjodu ieħor imma biss dwar il-perjodu tal-2018/2019. Nirringrazzjak."

Hawnhekk reġa' qam l-Onor. Glenn Bedingfield u nikkwota:

> "Sur President, kif qed ngħid jien u kif taf is-Sedja, il-kuntratt ma tqegħidx fuq il-Mejda tal-Kamra, ir-*ruling* li tat is-Sedja aħna lesti li noqogħdu għalih anke r-*ruling* li qed nitlob issa lesti li noqogħdu għalih imma tajjeb li nkunu nafu jekk aħna bil-mistoqsijiet tagħna l-membri nkunux qegħdin niksru dak li għedtilna int il-ġimgħa li għaddiet.".

Hawnhekk l-Onor. Beppe Fenech Adami bħala President tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ried jagħmel dawn l-osservazzjonijiet lis-Sedja u qal hekk:

> "Sur President, bħala Chairman tal-Public Accounts Committee nixtieq nassigura lis-Sedja li m'għandi l-ebda intenzjoni li nikser ir-*ruling* tas-Sedja. Ir-*ruling* naħseb li kien ċar ħafna l-ġimgħa l-oħra. Int għedtilna li waħda mit-toroq li jista' jesplora dan il-Kumitat biex jiġi eżaminat il-kuntratt li għandu x'jaqsam miegħu l-Onor. Konrad Mizzi huwa li ssir talba *ad hoc* lill-Awditur Ġenerali. Jagħmel rapport u dak ir-rapprot jiġi eżaminat mill-Public Accounts Committee. Naħseb li nafu, kif jiġri kull darba, però ovvjament din mhijiex l-unika vija.
>
> Aħna llum il-Public Accounts Committee kien qed jiddiskuti l-estimi finanzjarji tal-MTA. L-estimi finanzjarji li jfisser l-infiq, id-dħul u l-mod kif se jintnefqu l-flus

l-MTA. L-estimi ġew preżentati lill-Kamra. Naturalment meta nitkellmu fuq estimi qed nitkellmu fuq il-kuntratti kollha.

Fil-fatt, illum waqt is-seduta saru mistoqsijiet dwar il-kuntratt mal-Manchester United u ma kien hemm ebda problema, huwa fl-interess pubbliku. Saru mistoqisjiet fuq il-kuntratt dwar il-Christmas Village li kien hemm barra Bieb il-Belt, ma kien hemm l-ebda problema. Saru mistoqsijiet dwar il-kuntratt ieħor fost l-oħrajn tal-Onor. Konrad Mizzi. Niġbed l-attenzjoni li ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Membri tal-Gvern għall-mistoqsijiet dwar dawn il-kuntratti, però naturalment, kien hemm oġġezzjoni għall-kuntratt tal-Onor. Konrad Mizzi. L-argument tal-Oppożizzjoni hu għax ma ntnefqux il-flus. Dan, bir-rispett kollu, qed jgħiduh huma. Aħna rridu nivverifikaw intnefqux flus, jekk jirriżultax li ma ntnefqux flus, jirriżulta li ma ntefqux flus. Barra l-aspett ta' ntnefqux flus, Konrad Mizzi ħax il-miżata, hemm aspetti oħra finanzjarji. Dan kellu *mobile*, kellu xufier...".

Imbagħad l-Onor. Beppe Fenech Adami fl-aħħar intervent tiegħu fl-istess seduta tat-12 ta' Frar meta ntalab dan ir-*ruling* qal hekk:

"L-argument li dan ma tħallasx u allura l-PAC ma jistax jeżamina huwa fallaċi, għax anke jekk ma tħallasx, għandna interess bħala PAC neżaminaw għalfejn ma tħallasx. Però wkoll, hemm aspetti finanzjarji oħra fil-kuntratt li jmorru lil hinn mill-miżata li kien se jitħallas l-Onor. Konrad Mizzi u allura naħseb li l-Parlament, is-Sedja m'għandhiex tilqa' t-talba li qed jagħmlu rappreżentanti tal-Gvern li donnhom huma determinati li dan il-Parlament ma jeżaminax dan il-kuntratt."

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield ukoll ikkonkluda r-rimarki tiegħu u nikkwota:

"Se nkun fil-qosor ħafna. Nerġgħu ngħidu li m'għandna l-ebda diffikultà li niddiskutu ebda kuntratt però l-kuntratti li rrefera għalihom l-Onor. Fenech Adami ma kien hemm l-ebda *ruling* dwarhom! Tajjeb? Aħna tlabna biss li nirregolaw ruħna u noqogħdu għar-*ruling* tiegħek!"

Is-Sedja rat ukoll dak li ntqal waqt il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi aktar qabel fl-istess ġurnata tat-12 ta' Frar 2020. Hawnhekk is-Sedja se tagħmel referenza għall-punti saljenti li tqajmu waqt il-laqgħa tal-Kumitat fosthom fejn iċ-Chairperson, l-Onor. Beppe Fenech Adami, qal hekk:

"L-Ispeaker qal li waħda mir-rotot li jista' jesplora l-Kumitat huwa li jitlob *an ad hoc investigation*, rapport mingħand l-Awditur Ġenerali. Dan il-Kumitat għandu wkoll flok jeżamina u jmur *to the roots* li jeżamina l-kuntratt partikolari għandu r-rotta l-oħra li jagħtuh l-Avviż Legali li jeżamina l-estimi jiġifieri l-*expenditure* kif għamilna. Tkellimna fuq il-Christmas Village, tkellimna fuq il-Manchester United ... ".

Hawnhekk l-Onor. Clayton Bartolo qal hekk:

"Però m'hemmx *ruling* fuqhom dawk".

Aktar tard iċ-Chairperson qal:

> “L-Ispeaker qal li fuq kuntratt partikolari tista’ titlob l-Awditur Ġenerali. *Agreed*. Però, imbagħad ukoll, żgur, li dan il-Kumitat għandu li jista’ jeżamina l-ispiża, il-fondi pubbliċi li tuża l-MTA.”

Fil-fatt, l-istess Chairperson kompla jgħid:

> “L-aħħar darba qamet il-mistoqsija: Nafu jekk l-Onor. Konrad Mizzi minkejja qed jgħid ... irridu naraw, mhux qed ngħid li mhux vera imma qed jgħid li ma rċeviex ħlas ... jekk kellux ix-xufier? jekk għandux xufier?”.

Hawnhekk aktar tard l-Onor. Alex Muscat qal ukoll:

> “Biex nifhmu, intom se tistaqsu mistoqsijiet li jmorru lil hinn mill-esitmi finanzjarji mill-2018 u l-2019?”

Aktar tard l-Onor. Karol Aquilina qal:

> “Le, jien se nistaqsi bejn l-2018 u l-2019, qed inkun ċar.”

Iċ-Chairperson qal:

> “Nistaqsuh jekk kienx hemmx kuntratt fl-2019. Jekk jgħidilna li fl-2019, mela jaqa’ fil-parametri.”

Hawnhekk l-Onor. Karol Aqulina qal hekk:

> “Dan il-Kumitat għandu funzjoni jagħmel investigazzjonijiet dwar l-estimi finanzjarji u kontijiet.”

Is-Sedja rat allura li fil-laqgħa tal-PAC tat-12 ta’ Frar ovvjament ma kienx hemm ftehim dwar id-domandi li kienu qegħdin isiru min-naħa taċ-Chairperson u l-Membri fosthom, l-Onor. Karol Aquilina, dwar il-kuntratt, ossija dak li kellu x’jaqsam mal-Onor. Konrad Mizzi.

Is-Sedja rat ukoll ir-*ruling* li kienet tat fis-Seduta 296 tal-5 ta’ Frar 2020 dwar il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti fejn fost l-oħrajn irreferiet għall-Ordni Permanenti 120E fejn jgħid li:

> **“120E**. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:
> (*a*) jifli ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
> (*b*) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
> (*ċ*) jeżamina l-kontijiet ta’ awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
> (*d*) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-kumitat permanenti;
> (*e*) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (*d*) ta’ dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
> (*f*) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x’jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;

(*g*) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u
(*h*) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Fl-istess *ruling* tal-5 ta' Frar is-Sedja kienet qalet ukoll li fir-rigward tal-*item* tal-Aġenda meta l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ried jeżamina kuntratt partikolari bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Onor. Konrad Mizzi, liema kuntratt ma kienx riferut lill-Kumitat la mill-Kamra, la minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali, dan l-*item* ma setax jiġi diskuss sakemm l-istess Kumitat – jew mill-inqas tliet Membri tiegħu – ma jiddeċidux li jitolbu lill-Awditur jippreżenta memorandum dwar din il-materja, u dan skont dak li jgħid l-Ordni Permanenti 120E(1)(d).

Fil-każ odjern, it-talba hija dwar id-domandi li kienu qed isiru fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi meta fuq l-Aġenda tiegħu l-Kumitat kellu:

"L-eżami tal-kontijiet u tal-estimi finanzjarji tal-Awtorità għat-Turiżmu għas snin 2018 u 2019."

Is-Sedja qiegħda tifhem li dawn il-kontijiet u estimi finanzjarji huma s-segwenti dokumenti:

- Ir-Rapport Annwali u l-Kontijiet għas-sena finanzjarja 2018 tal-Awtorità għat-Turiżmu għas-sena 2018 - Dokument nru 3447; u

- L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019 tal-Awtorita għat-Turiżmu – Dokument nru 3448.

li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 227 tat-13 ta' Mejju 2019; u

- L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018 tal-Awtorita għat-Turiżmu – Dokument nru 1548.

li ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 105 tal-25 ta' April 2018.

Mill-qari tal-Ordni Permanenti 120E(1)(ċ) joħroġ ċar li l-mansjoni tal-Kumitat fir-rigward tal-iskrutinju tal-awtoritajiet statutorji hija limitata għal eżami tal-kontijiet u mhux tal-estimi. Is-Sedja tinnota li fil-każ li għandna quddiemna, il-konsiderazzjoni tal-estimi tal-Awtorità inkwistjoni ġew approvati fis-Seduta 228 tat-28 ta' Mejju 2019 u fis-Seduta 239 tad-19 ta' Ġunju 2019 meta l-Kamra ddiskutiet u approvat, wara *division*, il-Mozzjoni 242. L-estimi tal-istess Awtorità għas-sena 2018 ġew diskussi u approvati fis-seduta 128 tal-11 ta' Ġunju 2018 u fis-seduta 131 tat-13 ta' Ġunju 2018 meta l-Kamra approvat, wara *division*, il-Mozzjoni 136.

Is-Sedja tinnota wkoll li skont stqarrija tal-Gvern maħruġa fit-28 ta' Jannar 2020 il-kuntratt li dwaru qamet il-kwestjoni dwar l-ammissibilità tad-domandi jirrelata għall-kontijiet tas-sena finanzjarja 2019. Peress li l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2019 tal-Awtorità dwar it-Turiżmu għadhom ma tqegħdux fuq il-Mejda tal-Kamra, is-Sedja ma tarax li l-Kumitat jista jikkonsidra din il-materja f'dan l-istadju, u dan fl-osservanza tal-OP 120E(1)(ċ).

Is-Sedja tinnota wkoll li fir-rigward tas-sena finanzjara 2019, huma biss l-Estimi tal-Awtorità għat-Turiżmu li ġew ippreżentati lill-Kamra u mhux il-kontijiet (ossija l-*audited accounts*). Qiegħed hawnhekk nirreferi għall-kontijiet li skont l-artikoli 8 u 9 tas-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409), iridu jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra f'terminu ta' żmien speċifiku, u hawn nikkwota mill-istess liġi:

> "**8.** (1) L-Awtorità għandha tara li jinżammu kontijiet u dokumentazzjoni oħra xierqa dwar il-ħidma tagħha u għandha tara li jitlesta prospett ta' kontijiet għal kull sena finanzjarja.
> (2) Il-kontijiet tal-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura minnha:
> Iżda l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u dokumentazzjoni oħra tal-Awtorità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li, għal dan il-għan, ikollu s-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull verifika oħra, u li jitlob dik l-informazzjoni, kif jidhirlu meħtieġ.
> (3) Wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li r-rapport ta' ħidma tal-Awtorità jintbagħat lill-Ministru skont l-artikolu 9, l-Awtorità għandha tara li kopja tal-prospett ta' kontijiet verifikati kif dovut jiġu mogħtija lill-Ministru flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dak il-prospett jew dwar il-kontijiet tal-Awtorità.
> (4) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull prospett u rapport titqiegħed quddiem il-Kamra flimkien mal-mozzjoni skont l-artikolu 9 imsemmi.
>
> **9.** (1) L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru rapport tal-ħidma tagħha matul dik is-sena, li jkun fih dik l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet u l-proċeduri tal-Awtorità hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ flimkien mal-prospett tal-kontijiet verifikati kif provdut fl-artikolu 8.
> (2) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull rapport bħal dak titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fi żmien ġimgħatejn, jew, jekk f'xi żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa' f'sessjoni, fi żmien ġimgħatejn mill-bidu tal-ewwel sessjoni li tiġi minnufih wara."

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, dejjem sakemm ma jkollux memorandum quddiemu mill-Awditur Ġenerali, jistgħu jsiru domandi dwar il-kontijiet tal-Awtorità li jirrigwardaw id-dħul u l-infiq għas-sena 2018. Meta jitqiegħdu l-kontijiet tal-istess Awtorità għas-sena 2019 – li allura jinkludu l-perjodu meta sar il-kuntratt inkwistjoni – il-Kumitat, dejjem skont dak li jgħid l-Ordni Permanenti 120E(1)(ċ) ikollu s-setgħa li jagħmel id-domandi li fir-rigward tagħhom intalab dan ir-*ruling*.

Filwaqt li s-Sedja tappella għall-bonsens tal-Membri sabiex fil-Kumitati tal-Kamra dejjem ikun hemm ambjent oġġettiv biex ix-xogħol isir dejjem fl-interess pubbliku, u filwaqt li tagħraf l-importanza tar-rwol li jaqdi l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi f'dak li huwa skrutinju tal-kontijiet pubbliċi, tagħraf ukoll ukoll l-importanza li dan il-Kumitat dejjem jaġixxi skont is-setgħat li jtuh l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Dan kif is-Sedja stqarret diversi drabi fid-deċiżjonijiet li ġiet mitluba tagħti u ċjoè li hija marbuta u kostretta li taġixxi dejjem fil-parametri tal-Ordnijiet Permanenti u r-regoli oħra applikabbli għall-proċedura parlamentari.

Is-Sedja ddeċidiet dan ir-*ruling*.